MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Numru 302/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa**
**vs**
**Joseph Grech**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Joseph Grech ta' 45 sena iben il-mejjet George u Carmela nee' Pullicino mwieled Pieta fit-8 ta' gunju 1961 u residenti N Grazia, Triq Francis Attard, Zabbar, ID 380461M.**

**Akkuzat talli f'Ottubru 2006 f'dawn il-Gzejjer sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan bi ksur ta' l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji. Rat ukoll il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fis-seduta ta' llum 2 ta' Frar 2009. Galdarba hemm din l-ammissjoni, allura din l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Fil-Qorti dehret wkoll il-parte civile u rrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputat.**

Il-Qorti ghal hekk wara li rat l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu izda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sena millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------